MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 190/2005

**Avviz numru 190/05DM**

**Maltacom p.l.c. – C 22334**

**Vs**

**International Agencies Centre Ltd (C 15046)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta' erba' telef, erba' mija u tlett liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm4,403.68) rappresentanti ammont minnhom dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici bin-numri 21378473, 21378474 u 21378475.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Dokumenti mehmuza ma’ l-Avviz; Dok A, B, u C – prospetti relattivi; Dok D, E, u F – kuntratti relattivi, Dok G – ittra ufficjali datata 14 ta’ Novembru, 2003, u riferta relattiva.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma baghtu ebda rapprezentant sabiex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ erba’ t’elef, erba’ mija u tliet liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm4,403.68) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mis-6 ta’ April, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------